## IT-TIENI ĦADD TAR-RANDAN
## ĠESÙ JIDHER FIL-GLORJA

***Daħla:*** Ir-Randan hu ż-żmien li jfakkarna li kull tbatija, kull niket, kull sogħba, kull indiema għandhom skop: il-glorja tal-Ġenna. Illum, il-Kelma ta' Alla se ġġibilna l-ġrajja tat-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù. Dil-ġrajja turina lill-Missier li jpoġġilna lil Ġesù bħala l-profeta tiegħu, bħala Ibnu mibgħut biex jurina t-triq għad-Dar Eterna. Nibdew diċ-ċelebrazzjoni billi nkantaw ...

***L-Ewwel Qari:*** Il-garanzija tal-wegħdiet ta' Alla hi l-kelma li Alla nnifsu jagħtina, il-patt li hu jagħmel magħna kif għamel ma' Abraham.

***Responsorju tas-Salm:*** **Il-Mulej id-dawl u s-salvazzjoni tiegħi.**

***It-Tieni Qari:*** Mhux faċli nifhmu li ċ-ċittadinanza vera tagħna hi tas-Sema. Il-ħajja eterna ma' Alla hi l-vera ċittadinanza tagħna. Għal hemm imsejħin.

***Offertorju:*** *(X'ħin ikunu se jitressqu l-offerti lejn l-artal, l-animatur igħid):*
Noffru l-aqwa doni li għandna minn qalbna. Inkantaw flimkien….

***Tqarbin:*** *(Waqt li s-saċerdot ikun jitqarben bid-Demm ta' Kristu, l-animatur igħid)*
It-Tqarbina hi sehem mill-Ġenna; min jitqarben għandu l-ħajja ta' dejjem. Xi grazzja kbira tinsab quddiemna! Inkantaw flimkien….

***Ringrazzjament:*** *(waqt li s-saċerdot ikun jippurifika l-Kalċi, l-animatur igħid)*
Nirringrazzjaw lil Missierna li tana lil Ibnu Ġesù bħala l-mudell fil-mixja tagħna lejn is-Sema pajjiżna. Bi gratitudni kbira ngħidu (jew inkantaw) ...

***Kant tal-Għeluq…***